# Il-Ħbub tad-Deheb
ta' ***Trevor Żahra*** p. 99

## A. Il-Plott - *Dawra mejt mal-plott*

Imla t-tabella ta' taħt bl-informazzjoni biex turi dak li seħħ f'dik il-parti tal-ġrajja. Segwi l-eżempji.




| |
|---|
| **1. L-awtur jirċievi telefonata**<br>Ġorġ iċempel lill-awtur biex jara jekk lestiex l-istorja li kellu jikteb għall-ktieb li kellhom jippubblikaw flimkien ma' awturi oħra. |
| **2. L-awtur jirtira fis-salott** |
| **3. Jaħseb fil-logħob u l-ġiri barra** |
| **4. Marju Abdilla u Dolor tal-qtates** |

| |
|---|
| **5. L-awtur iżur lil Dolor** |
| **6. Il-karus**<br>L-awtur jinduna li l-karus huwa maġiku għax il-muniti jibdew jiżdiedu sa ma jimtela kollu. Meta jiġri dan huwa jkisser il-karus u jaħrab jiġri lejn il-pjazzetta biex jgħid b'kollox lil Marju. Minflok huwa jiltaqa' ma' Kitty u jagħtiha nofshom. |
| **7. Jintesa kollox** |
| **8. Kitty tiġi lura** |
| **9. Mill-ġdid fis-salott** |

## B. Il-Karattri – *Aqta' min hu/hi?*

**Ikteb l-isem tal-karattru fil-kaxxa tal-lemin, li jaqbel mad-deskrizzjoni fil-kaxxa tax-xellug.**

| | |
|---|---|
| 1. Ħabib tal-awtur. Leħnu fuq it-telefown ta qatgħa lill-awtur. Jużа l-ixpruni biex iġiegħel lin-nies jaħdmu. | |
| 2. Hu u Dolor kienu ħbieb u jafu sewwa lil xulxin. Meta ltaqgħu, Dolor tbissmitlu. Kien kapaċi jisma' x'kellu xi jgħid ħaddieħor iżda r-risposti tiegħu kienu xotti u fl-istess ħin misterjużi. | |
| 3. Persuntha żgħira u qatt ma titkellem. Fl-età xi ftit iżgħar mill-awtur. Waqt ir-rakkonti ta' ħuha għajnejha kienu jiġu qishom żewġ kewkbiet. | |
| 4. Tifel imqarqaċ u l-gideb tiegħu tant huwa kreattiv. Kapaċi jpaspar storja fuq kollox. Il-vittma ewlenija tal-gideb tiegħu hija Dolor tal-Qtates. | |
| 5. Wieħed mit-tfal tar-raħal u tampar l-awtur. Darba għamel jum mitluf u ħarġuha li Dolor biddlitu f'qattus. Fir-realtà kien mar jistaħba fil-kantina tad-Domus wara li qala' xebgħa mingħand missieru. | |

## Ċ. L-Isfond - *Tisliba*

F'din in-novella nsibu ħafna tagħrif dwar l-isfond tal-ġrajja (iż-żmien li fih isseħħ l-istorja, id-drawwiet, il-mod ta' għajxien, l-ambjent u xi ċirkostanzi partikolari). (*Nota*: Fit-Tisliba **ie** u **għ** joqogħdu f'kaxxa waħda.)






| **Weqfin:** | **Mimdudin:** |
|---|---|
| 1. Barra biċċa dundjan, fil-ġewlaq kien hemm platt _________. | 4. Fil-Milied, fid-dar tal-awtur kienu jarmaw dan taħt it-taraġ. |
| 2. Kitty u familtha użaw dan il-mezz ta' trasport biex jemigraw. | 8. Omm l-awtur kienet tistieden lil dawn għall-ikla tal-Milied. |
| 3. Logħba popolari fost it-tfal. | 7. Il-pajjiż li l-familja ta' Marju u Kitty emigraw fih. |
| 5. Kamra fid-dar tal-awtur li llum kważi dejjem magħluqa. | 9. Il-munita li qala' l-awtur mingħand Dolor tal-qtates tiswa daqs ċenteżmu tal-lum. (4, 6) |
| 6. Is-sors tal-ilma għal ħafna fir-raħal kien jinsab hawn. | 11. In-nies kienu jġibu l-ilma minnha. |
| 10. Peress li l-karozzi kienu skarsi, it-tfal kienu jilagħbu fihom. | |

Isem: ________________________ Klassi: ________________